minn **Noel D'Anastas** – ndanastas@gmail.com

# Tislima lil Little Tony, l-Elvis tal-Italja



Nhar it-Tnejn li għadda, il-mużika Taljana kienet f'luttu għall-mewt tal-kantant u attur Antonio Ciacci, jew kif kien magħruf, Little Tony, li fost is-suċċessi kbar kellu *24 mila baci*, *Il ragazzo col ciuffo*, *Cuore matto*, *Riderà* u tant oħrajn li s-snin ħamsin, sittin u sebgħin iġibu tant nostalġija.

Imwieled f'Tivoli b'ċittadinanza ta' San Marino fi ħdan familja ta' mużiċisti. Fl-1957 meta f'Malta r-Rock´n´Roll kien ċensurat mill-Knisja, hu kien ifforma grupp Rock´n´Roll flimkien ma' żewġ ħutu, fejn kien ħa l-isem ta' 'Little Tony and his Brothers' f'sens ta' emulazzjoni għal Little Richard.

Fl-1958 kienu ffirmaw mat-tikketta Durium Records iżda kien il-produttur televiżiv Jack Good li stedinhom jidhru f'*Boys Meets Girls* li kien jixxandar fl-Ingilterra.

Lejn tmiem il-ħamsinijiet kienu pproduċew sensiela ta' diski *covers*: *Lucille*, *Johnny B. Good* u *Shake rattle and roll*. Fl-Ingilterra, inħarġet *I Can't Help It* li kienet il-ħdax il-waħda tagħhom. *Too Good*, it-tielet waħda tagħhom fir-Renju Unit waslet sad-19 il-post f'Jannar tal-1960.

Fis-sittinijiet ħa sehem kemm-il darba fil-festivals ta' Sanremo, Cantagiro u deher f'Canzonissima. Fl-edizzjoni ta' Sanremo tal-1961, kien kanta ma' Adriano Celentano l-kanzunetta *24 mila baci* li ġiet klassifikata fit-tieni post. Minn hemm kompla bħala solista fejn ftit wara kellu suċċess kbir fil-klassifika Taljana b'*Il ragazzo col ciuffo*.

*Riderà* tbigħ aktar minn miljun kopja fl-1966 wara li kienet ġiet fit-tieni post fil-festival 'Il Cantagiro' ta' dik is-sena. Ftit xhur wara jkompli jikseb fama permezz ta' *Cuore matto* li damet disa' ġimgħat fil-quċċata tal-klassifika Taljana u f'dik is-sena ssir tad-deheb. Fl-1969 jifforma d-dar tad-diski tiegħu 'Little Records'.

F'nofs is-snin sebgħin wara li diġà kellu problemi b'saħħtu, Little Tony ta tislima lil Elvis meta fl-1975 irrekordja l-album *Tony canta Elvis*. Sena qabel, jasal sas-semifinali ta' 'Un disco per l'estate' bi *Quando c'eri tu*.

Fl-2003 jerġa' jieħu sehem f'Sanremo flimkien ma' Bobby Solo b'*Non si cresce mai* u fl-2008 ipparteċipa bil-kanzunetta *Non finisce qui*.

Għalkemm fl-2006 kien taħ attakk ta' qalb, Little Tony kien baqa' għaddej b'kunċerti u *recordings*. Fil-karriera tiegħu, Little Tony deher ukoll f'madwar 20 film fl-Italja.

Hu miet fl-età ta' 72 sena bil-marda qarrieda tal-kanċer. Little Tony qatt ma ġie jkanta fostna iżda kien magħruf sew f'pajjiżna. Twanny Scerri, wieħed mis-sostenituri tal-mużika Taljana, jgħid li kien intervistah aktar minn darba. "Dak iż-żmien, fuq Radju Malta kellna ftehim ma' Canale 5 fejn konna nintervistaw il-kantanti, fosthom Little Tony, Bobby Solo, Mino Reitano, Rita Pavone u oħrajn. Lilu intervistajtu tliet darbiet!"

Il-mewt tiegħu kompliet fis-serje ta' telfiet oħra fil-mużika leġġera Taljana, fosthom Enzo Jannacci u Franco Califano. U ftit tal-jiem ilu, propju fl-20 ta' Mejju, Ray Manzarek, il-membru fundatur tal-grupp leġġendarju The Doors imut bil-marda tal-kanċer. Kellu 74 sena.

> *"Little Tony biegħ miljuni ta' diski u ħa sehem f'madwar 20 film fl-Italja"*

# 'Someone Else' – l-album debuttanti ta' The Crowns

The Crowns hu wieħed mill-aktar gruppi lokali interessanti fil-ġeneru pop rock/indie. Ftit tal-ġimgħat ilu nieda l-album debuttanti *Someone Else* li fih jixhed dedikazzjoni ta' ħames żgħażagħ, mużiċisti validi li fis-*songwriting* tagħhom kienu kapaċi joħorġu t-teknika ta' artistrija mużikali, iżda jwasslu dan b'laqta mexxejja.

Iffurmat xi snin ilu minn Vittorio Gauci (vocals) li nafu f'xenarju ieħor tal-festivals, Gianluca Cappitta (kitarri), Chris Ciantar (bass), Jean-Paul Mollicone (keyboards) li bħalissa jinsab jagħmel id-dottorat fl-Italja u Luke Vella Clark (drums).

Bejniethom joħorġu ħoss tajjeb f'kombinazzjoni eċċellenti bejn il-kitarri u l-melodiji u l-akkumpanjament kontinwu tal-pjanu. Dan kważi hu evidenti f'ħafna mit-*tracks* li The Crowns qed iwasslu f'*Someone Else*, album li jolqtok mal-ewwel darba li tisimgħu u tapprezzah aktar, aktar ma tisimgħu!

Jinkludi fih 12-il *track* u żewġ bonus *tracks* oħra – *Memories* li kienet l-ewwel *single* tal-*band* u t-tieni waħda *Out of Nowhere* li fihom kien għad m'hemmx l-impenn ta' Jean-Paul Mollicone. It-*tracks* kollha ġew rekordjati fit-Temple Studios fil-Mistra mal-inġinier David Vella.



*Il-ħames membri żgħażagħ tal-grupp versatili The Crowns*

Is-*songs* bdew jinkitbu lejn l-aħħar tal-2011 u baqgħu għaddejjin sal-aħħar sessjoni ta' *recording*. Meta tkellimt ma' Gianluca Cappitta dwar dan il-proġett, hu qalli li din kienet esperjenza sabiħa, eċitanti, li ma kinetx faċli biex wieħed jasal s'hawn meta tqis li l-keyboardista qed jgħix barra.

Qalli li r-*recordings* saru fit-tliet sessjonijiet f'temp ta' seba' xhur, bejn Frar u Ottubru tas-sena l-oħra fejn inkitbu 12-il *track*. "Sibna ħafna għajnuna minn David Vella li kompla sawwar il-ħoss tagħna," jisħaq Gianluca.

F'*Someone Else* hemm il-konnessjoni umana, il-ħsieb ċentrali li qed jippreżentaw The Crowns. Il-lirika ġġib dan is-sentiment iżda din il-konnessjoni tinħass aktar fil-mużika u l-ħoss li jwassal fejn il-pjanu hu preżenti. Eżempju hija *All I've got* li barra l-impenn tal-pjanu, is-*song* tixhed *chorus* mexxej, waħda mit-*tracks* l-aktar interessanti. *You'll never go* tispikka f'ħoss aktar aħrax tal-kitarri u melodiji sempliċi li jikkombinaw tajjeb mal-kumplament tal-ħoss.

Għoġbitni *She's gone mad* li għandha progressjonijiet ta' kordi elaborati, arranġament sabiħ li toħroġ u tispikka d-dimensjoni vokali ta' Vittorio, l-aktar f'noti għolja.

L-istess teknika tinħass f'*Lost*. Interessanti wkoll *Midday Crisis* speċjalment għad-daħla tad-*drums* u l-mod kif is-*song* tkompli tiżviluppa b'solo tal-kitarra. It-*title track* tħaddan ingredjent kummerċjali tajjeb għal kumbinazzjonijiet ta' effetti li fiha u s-sbuħija tal-*chorus*.

L-album qed jitwassal b'fotografija attraenti ta' David 'dp' Attard f'dak li wieħed isib fil-ktejjeb lussuż fis-CD li għandu disinn minn 'Kuluri'.

Barra r-*recording* ta' dan l-album, f'kemm ilu flimkien, The Crowns kien attiv f'bosta dehriet madwar Malta.

Dan il-grupp rebaħ il-*'Best Newcomer'* u l-*'Viewer's Choice' awards* fil-Bay Music Awards 2011 barra wkoll li kien nominat għall-aħjar artist ġdid fil-GO Malta Music Awards 2011.

Is-single *Home*, li kienet akkumpanjata minn *video* b'kollaborazzjoni produttiva ma' Jean Pierre Gatt, inħarġet bħala thejjija għal dan l-album. Din id-diska daħlet minn imkien fit-tieni post tal-PRS Malta Top 40.